MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.**
**SILVIO MELI**

Seduta ta' l-20 ta' April, 2010

Avviz Numru. 268/2009

**Camilleri Wines Limited (C 26375)**

**vs**

**Roque Polidano**

**Il-Qorti,**

**Rat it-talba tas-socjeta` rikorrenti ghall-kundanna tal-intimat ghall-hlas tas-somma ta' erbat elef, mija u wiehed u sittin Ewro u erbgha u hamsin centezmu (€4161.54) rapprezentanti ammont lilha dovut ghall-merkanzija konsistenti fi dwieli u accessorji wzati fit-tkabbir tal-istess lilu mibjugha u kkonsenjata;**

**Bl-ispejjez tal-presenti, tal-ittra interpellatorja tat-3 ta' Marzu 2008, tal-ittra ufficjali skond Artikolu 166A numerata 1642/08 u bl-imghaxijiet legali mit-28 ta'**

**Jannar 2006, data tal-ahhar *invoice* sal-effettiv pagament, kontra l-intimat li huwa minn issa ngunt in subizzjoni;**

**Wara li rat in-nota ta' Mistoqsijiet tas-socjeta` rikorrenti sabiex l-intimat iwiegeb ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigi ppruvat (artikoli 698 (2) u 702 tal-Kodici ta' Organizazzjoni u Procedura Civili);**

**Billi ghalkemm notifikat regolarment l-intimat naqas u ma deherx, la fl-14 t'April tas-sena 2010 meta gew ipprezentati l-kapitoli u lanqas illum, u n-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;**

**Tiddeciedi billi tilqa' t-talba tas-socjeta` rikorrenti u tikkundanna lill-intimat Roque Polidano ihallas is-somma ta' erbat elef, mija u wiehed u sittin Ewro u erbgha u hamsin centezmu (€4161.54) lis-socjeta` rikorrenti *Camilleri Wines Limited (C 26375)*;**

**Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet kif dedotti kontra l-intimat.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------